# Dawk li Ghandhom il-Jedd Fil-Qabar ta' Kristu

Daż-żmien, barra mill-Kattolki, hemm tliet xorta ta' Insara oħra, li m'humiex Kattolki, li għandhom il-jedd li jagħtu qima fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu; dawn huma l-Armêni, il-Koptîn u l-Griegi. Meta s-saltna tas-Salibijin (Crociati, bit-Taljan), li kienu Kattolki, intemmet minn Ġerusalem, fis-sena 1187, il-knejjes saru ħwejjeġ il-pajjiż. Kien bis-saħħa tar-Re u r-Reġina ta' Napli, Roberto d'Angiò u Sanċa t'Aragona, li l-Franġiskani, fis-sena 1331 qalgħu li jistgħu jidħlu jgħammru f'Ġerusalem u jqaddsu u jqimu, mal-Insara l-oħra li ma jaqblux ma' Ruma, fil-Qabar ta' Kristu.

Maż-żmien il-Franġiskani seħħilhom iġibu taħt idejhom il-kotra l-kbira tal-Imkejjen Imqaddsa. Fis-seklu V huma weħedhom li kellhom il-jedd fuq kappella tal-Qabar ta' Kristu, u ta' fuq il-Kalvarju. Din il-qagħda baqgħet hekk bla ma tbiddlet sa kemm il-Palestina waqgħet taħt idejn it-Torok ta' Kostantinopli fis-sena 1517. Il-Qoptîn, meta kien isaltan Slimân fis-sena 1547, qabdu d-daqqa meta l-Franġiskani ta' Ġerusalem u ta' Betlehem kienu marbuta fil-ħabs u bdew iqaddsu fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, u bnew kappella għalihom tmiss mad-dahar tal-kappella tal-Qabar. L-Armeni wkoll ftit wara qalgħu minn għand is-sultan Tork li jagħmlu l-*ħafliet*, jew funzjonijiet tagħhom, fil-Bażilka.

Il-Qassisin Griegi li kienu reġgħu daħlu l-Palestina meta ħaduha t-Torok, billi pajjiżhom il-Greċja kienet ukoll taħt il-ħakma Torka, bdew jitjitħabtu b'ruħhom u b'ġisimhom biex jieħdu mill-aktar li jistgħu jeddijiet minn tal-Franġiskani. Għall-ewwel, fis-snin ta' bejn l-1620 u l-1630 minn xi mkejjen il-Griegi ħadu l-jeddijiet kollha li kellhom il-Franġiskani, u minn imkejjen oħra ħadulhom ħafna. Bl-indaħil tar-Repubblika ta' Venezja u tar-Renju ta' Franza, lil Franġiskani rtaddewlhom xi ftit milli kienu ttieħdulhom. Imma fis-sena 1757 lil Griegi raġa' sseħħilhom li jirkbu r-riħ u l-Franġiskani reġgħu kienu misruqin minn wisq jeddijiet minn dawk li kellhom, li kienu kisbuhom bi ħlas ta' somom ta' flus kbar, mogħtija lis-sultan ta' Kostantinopli. Imbagħad saret il-Liġi ta' l-*istatu quo*, jiġifieri li kull ħadd jibqa billi għandu, li għadha sal-lum.

MUDIR NAĠELLA

## ĦNIENA TAL-MADONNA TAL-KALVARJU

— Waħda mara mir-Rabat li ma qaltilniex isimha, bagħtet per imsielet tad-deheb biex jittieħdu Ġerusalem u jiddendlu mal-wegħdi l-oħra fin-niċċa tad-Duluri li hemm fuq il-Blata Mqaddsa tal-Kalvarju, fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Dawn huma bħala tiżżija ta' ħajr tal-grazzja kbira li qalgħet. Nibagħtuhom mal-ewwel Patri li jkun sejjer Ġerusalem.